# STATUT TAL-MOVIMENT AZZJONI SOĊJALI

## 1. ISEM

**1.1.** L-assoċjazzjoni għandha l-isem ta' Moviment Azzjoni Soċjali (aktar 'il quddiem "Moviment" jew "MAS"), li jista' jiġi identifikat ukoll bl-akronimu magħruf "MAS".

## 2. INDIRIZZ U KOMMUNIKAZZJONI

**2.1.** L-indirizz reġistrat huwa dak tas-sede nazzjonali tal-Moviment Azzjoni Soċjali, li huwa 15, Triq Zekka, il-Belt Valletta, VLT 1512 u għall-għanijiet kollha tal-liġi dan għandu jkun l-indirizz użat mill-Moviment;

Iżda, dak hawn fuq dispost ma jżommx lill-Moviment Azzjoni Soċjali milli juża indirizzi oħrajn skond il-bżonnijiet tiegħu u taħt id-direzzjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

**2.2.1.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali jagħraf il-bżonn ta' aġġornament għal mezzi ta' kommunikazzjoni aktar kontemporanji, għaldaqstant kull kommunikazzjoni meħtieġa f'dan l-istatut tista' ssir bil-posta elettronika u titqies li saret validament jekk issir bil-posta elettronika sakemm dan l-istatut ma jippreskrivix speċifikament xort'oħra.

2.2.2. Għall-għanijiet tal-artikolu 2.2.1. kull imsieħeb tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandu jipprovdi lis-Segretarju indirizz elettroniku validu u funzjonali u jibqa' responsabbli biex jara li dan hekk ikun u l-posta elettronika tal-Moviment tasallu għall-attenzjoni tiegħu.

2.2.3. Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa meħlus minn kull mod ieħor ta' kommunikazzjoni li mhux dak dispost fl-artikolu 2.2.2., u dan mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni unilaterali tal-Kumitat Nazzjonali li jikkommunika b'kull mod li jagħżel għal ċirkostanzi partikolari.

2.2.4. Il-Kumitat Nazzjonali jista' jikkommunika bil-posta normali (bil-karti) għal persuni ta' aktar minn sittin (60) sena età u li lesti jissieħbu fil-Moviment Azzjoni Soċjali billi jħallsu rata doppja għall-iskema ta' sħubija rilevanti;

Iżda persuni li japplikaw skond dan l-artikolu 2.2.4. jistgħu jibbenefikaw minnu sal-31 ta' Diċembru 2042 biss u wara dik id-data dan l-artikolu 2.2.4. ma jibqax validu.

## 3. KARATTERISTIĊI ĠENERALI

**3.1.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa moviment bi skop soċjali, ta' ispirazzjoni Kattolika, storikament imwaqqaf lura f'jum il-festa ta' San Ġużepp, patrun tal-ħaddiema, fid-19 ta' Marzu 1955 mill-fundatur tiegħu, il-mibki iżda qatt minsi Monsinjur Fortunato Paolino Mizzi, u li fuq l-istorja u l-ispirtu tiegħu l-Moviment dejjem ifittex li jibqa' imsejjes b'integrità, determinazzjoni, onestà u umiltà sabiex il-Moviment Azzjoni Soċjali jibqa' għaddej, attiv soċjalment fi żminijiet li fihom ix-xhieda u l-ħidma tiegħu dejjem isiru aktar meħtieġa.

**3.2.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa indipendenti u awtonomu minn kwalsiasi persuna, korp, entità, ġerarkija ekkleżjali u, jew organizzazzjoni oħra li tista' tkun u l-attivitajiet tiegħu ma huma soġġetti għal ħadd u xejn, ħlief kif dispost minn dan l-istatut u mil-liġi.

**3.3.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa assoċjazzjoni stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku u esklussivament għal skop soċjali u ma jfittix li jagħmel profitt, mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi dħul minn attivitajiet tal-Moviment jew minn kwalsiasi donazzjoni lill-Moviment, b'kull dħul imur biex ikopri l-ispejjeż għat-tmantnija u l-avvanz tal-Moviment u b'kull attiv jibqa' miżmum jew investit għall-istess għan.

**3.4.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa llum mwaqqaf ai termini tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk għandu personalità ġuridika separata u distinta kif soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut u tal-liġi.

**3.5.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali għandu l-kapaċitajiet u drittijiet kollha mogħtija lilu u permissibbli skond il-liġi, u dan jinkludi l-kapaċità sabiex jikkuntratta, jakkwista, iżomm u jiddisponi minn propjetà, mobbli u immobbli, jissellef u jagħti bħala garanzija permezz ta' ipoteki u privileġġi fuq l-assi tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek f'Qorti jew quddiem kull entità oħra skond il-liġi, u li jeżegwixxi kull obbligu u transazzjoni sekondarja jew anċillari għall-funzjonijiet prinċipali tal-Moviment.

**3.6.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa mreġġi mill-militanza tal-voluntiera tiegħu, li ma jfittxux rimunerazzjoni jew tornakont għall-impenn tagħhom u dan għandu jkun il-modus vivendi ġenerali tal-Moviment f'kull żmien;

Iżda, mingħajr preġudizzju għan-natura volontarja u li ma tfittix il-profitt tal-Moviment, il-Kumitat Nazzjonali jista' jiffissa rimunerazzjoni jew japprova kuntratti bil-miktub għal servizzi amministrattivi u, jew ta' sengħa jew professjonali li jirrispettaw il-prinċipji dwar il-korrispettiv finanzjarju kif disposti fil-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet at' Malta, liema servizzi jistgħu jingħatu minn l-imsieħba jew terzi;

Iżda wkoll, minkejja d-dispożizzjonijiet finanzjarji ta' dan l-istatut u biss straordinarjament, il-Kumitat Nazzjonali jista' japprova r-rifużjoni ta' kwalsiasi spiża provata u raġonevolment inkorsa għall-benefiċċju tal-Moviment sa massimu ta' ħames mitt ewro (€500), b'dana illi kull min ikun għandu jara li sakemm

raġonevolment possibbli d-dispożizzjonijiet ta’ dan l-istatut jiġu rigorożament osservati u fin-nuqqas il-Kumitat Nazzjonali għandu jitlob ġustifikazzjoni għal dik l-ispiża li dwarha tintalab rifużjoni.

## 4. SKOPIJIET U MISSJONI TAL- MOVIMENT

**4.1.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali, fuq ispirazzjoni mid-duttrina soċjali Kattolika li tiddi fl-enċikliki tal-Papiet u b'lealtà lejn it-tradizzjoni Kattolika tal-poplu, ifassal il-ħajja u l-ħidma tiegħu fuq dawk il-prinċipji integrali u fundamentali għall-elevament kulturali, ekonomiku, soċjali u morali tan-nazzjon, u b'mod partikolari tal-ħaddiema u dawk l-aktar umli u fil-bżonn. L-għan ġenerali tiegħu fil-pożittiv dejjem kien u jibqa’ dak.

**4.2.** Fis-seklu wieħed u għoxrin wara Kristu, il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa avvers għall-prekarjat mifrux, l-ispekulazzjoni tas-sold faċli, l-ekonomija minfuħa msejjsa fuq l-ispekulazzjoni u t-tkabbir artifiċjali f’kull qasam u mhux lanqas f’dak tal-popolazzjoni tal-gżejjer lil hinn minn kull kejl prudenti ta’ sostenibbiltà fit-tul. Dan kollu jinbet minn *ethos* materjalistiku li progressivament javvanza kwantitativament u kwalitattivament u dejjem qiegħed iwassal għad-degrad kulturali, soċjali u ambjentali li jgħakkes il-progress ġenwin tal-komunità Maltija.

**4.3.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali, b'umiltà u bi prudenza jara li għandu japplika ruħu fil-komunità, nazzjonalment u lil hinn minnha b'rispett u applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità, u b'hekk jemmen li għandu jaħdem għall-ġid ta' dawk eqreb tiegħu fost il-poplu Malti u Għawdxi mingħajr ma jiċħad dak kollu li hu lil hinn minnu, li xieraq li jwettaq u li jista’ jwettaq bl-użu għaqli tar-riżorsi u l-mezzi disponibbli u li għad ikunu disponibbli.

**4.4.** Kull imsieħeb tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandu jimxi favur u skond l-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u f’każ kuntrarju jista’ jkun soġġett għall-passi dixxiplinari skond dan l-istatut.

## 5. SĦUBIJA FIL- MOVIMENT

**5.1.** L-imsieħba tal-Moviment Azzjoni Soċjali jinqasmu f’dawn il-kategoriji:

(a) Attivisti
(b) Membri
(ċ) Sostenituri
(d) Organizzazjonijiet Membri

Iżda, b’effett mid-dħul fis-seħħ ta’ din l-emenda, fid-data tas-26 ta’ Novembru 2022, il-Moviment Azzjoni Soċjali mhux jaċċetta Organizzazzjonijiet

Membri u għaldaqstant id-disposizzjonijiet relattivi għall-Organizzazzjonijiet Membri tal-istatut viġenti qabel dawn l-emendi għandhom jitqiesu sospiżi;

Iżda wkoll, f'każ li jiġi deċiż li jiġu aċċettati Organizzazzjonijiet Membri, il-Kumitat Nazzjonali għandu jirrevedi d-disposizzjonijiet msemmija dwar l-Organizzazzjonijiet Membri u jara li jiġu riattivati, jew riformati, billi tiġi segwita l-proċedura tal-approvazzjoni għall-emendi tal-istatut;

Iżda wkoll, jibqgħu meqjusa Organizzazzjonijiet Membri dawk l-Organizzazzjonijiet Membri li kienu validament tali qabel id-data msemmija, però mad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fid-data tas-26 ta' Novembru 2022, dawk l-Organizzazzjonijiet Membri jiġu regolati bħala Membri u jkunu rappreżentati minn persuna naturali waħda u jitqiesu li jkollhom vot wieħed biss.

**5.2.** L-imsieħba kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandhom iħallsu dawk il-miżati ta' sħubija li jiġu stabbiliti mill-Kumitat Nazzjonali u l-Kumitat Nazzjonali jista' minn żmien għal żmien jistabillixxi diversi skemi ta' sħubija għad-diversi kategoriji ta' msieħba, li jistgħu jinkludu sħubija għall-għomor tal-applikant u kundizzjonijiet oħra, li għandhom dejjem ikunu konformi ma' dan l-istatut;

Iżda l-possibbiltà ta' sħubija fil-Moviment Azzjoni Soċjali tinfetaħ biss meta hekk deċiż mill-Kumitat Nazzjonali u skond dawk l-iskemi approvati minnu;

Iżda wkoll, il-Kumitat Nazzjonali jista' jżomm elenki ta' persuni interessati fi sħubija fil-Moviment Azzjoni Soċjali jekk dawk l-istess persuni juru dak l-interess, u f'dak il-każ meta l-possibbiltà ta' sħubija tinfetaħ kif dispost qabel, il-persuni f'dawk l-elenki għandhom jiġu kuntattjati.

**ATTIVISTI**

**5.3.1.** Ikunu Attivisti dawk li jwettqu l-promessi preskritti fl-artikolu 5.3.2. u li jkollhom l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali tal-Moviment Azzjoni Soċjali;

Iżda kull Attivist għandu jkun ċittadin tar-Repubblika ta' Malta u jaf jikkommunika bil-lingwa Maltija, u minħabba raġunijiet storiċi u utilitarji l-għarfien tal-lingwa Taljana u dik Ingliża huma promossi anke jekk mhux obbligatorji.

5.3.2. L-Attivisti huma dawk imsieħba fl-għola livell ta' sħubija u impenn fil-Moviment Azzjoni Soċjali, u biex ikunu approvati bħala tali skond l-artikolu 5.2. għandhom jagħtu u josservaw raġonevolment dawn il-promessi:

(i) Li wieħed jagħmel kollox għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-oħrajn;

(ii) Li wieħed ikun leali lejn il-prinċipji, u l-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali;

(iii) Li wieħed ikun sinċier u onest fil-ħajja tiegħu kollha;

(iv) Li wieħed ma jaħdimx fil-Moviment Azzjoni Soċjali sabiex iħares għall-interessi personali tiegħu;

(v) Li wieħed jaħdem speċjalment għall-ġid tal-ħaddiema;

(vi) Li jipparteċipa raġonevolment fil-Kors ta' Studji Soċjali, u għall-aġġornamenti tiegħu, meta programmati u provduti mill-Moviment Azzjoni Soċjali; u

(vii) Li fl-impenn soċjali tiegħu, jiġifieri lil hinn minn l-impenji lavorattivi, professjonali, vokazzjonali jew reliġjużi tiegħu, ipoġġi l-involviment u l-impenn tiegħu fil-Moviment Azzjoni Soċjali qabel kull impenn ieħor.

5.3.3. L-ebda Attivista, mid-data li jkun daħal fil-Moviment Azzjoni Soċjali bħala tali, ma jkun jista' jissieħeb ma' organizzazzjonijiet oħra mingħajr il-permess speċjali tal-Kumitat Nazzjonali.

5.3.4. L-Attivisti approvati jibqgħu jitqiesu Attivisti u msieħba fil-Moviment Azzjoni Soċjali għal għomorhom sakemm ma jirriżenjawx jew jiġu sospiżi jew mkeċċija skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut.

5.3.5. L-Attivisti huma mistennija li jkunu mħarġa, jew li jkunu għamlu, studju speċjali u ta' preparazzjoni għall-ħidma tagħhom u għal dan il-għan, il-Kumitat Nazzjonali għandu jorganizza attivitajiet li jikkostitwixxu Kors ta' Studji Soċjali u li jinkuraġġixxu l-istudju soċjali biex l-Attivisti jieħdu tagħlim f'materji bħal, iżda mhux biss, dawn li ġejjin:

(i) Ekonomija, storja ekonomika, teoriji ta' żvilupp u l-applikazzjoni tagħhom - inklużi ħidma kooperattiva u l-iżvilupp tagħha;

(ii) Leġiżlazzjoni u amministrazzjoni soċjali - Maltija u komparattiva;

(iii) Dritt Kostituzzjonali, amministrazzjoni pubblika (ċentrali u

lokali), organizzazzjoni komunali, politika u soċjali;

(iv) Elementi tal-psikoloġija soċjali, struttura soċjali u soċjoloġija;

(v) Filosofija, storja ta1-ideoloġiji politiċi, etika soċjali, tagħlim soċjali tal-Knisja u tagħlim teoloġiku; u

(vi) Struttura, funzjonijiet u dokumentazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali fl-oqsma soċjoekonomici, kummerċjali, monetarji, produzzjoni agragrja, saħħa u edukazzjoni, relazzjonijiet industrijali u assistenza teknika;

Iżda l-Kumitat Nazzjonali jista' japprova s-sħubija ta' persuna bħala Attivista meta din tkun raġonevolment preparata, basta din timpenja ruħha tattendi l-Kors ta' Studju Soċjali organizzat mill-Kumitat Nazzjonali.

5.3.6. L-Attivisti għandhom jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-Kumitat Nazzjonali u msejjħin "Formazzjoni tal-Attivisti" li jiġu kommunikati lill-attivisti bil-posta elettronika tal-anqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel.

5.3.7. Il-laqgħat ta' Formazzjoni tal-Attivisti għandhom iservu għall-formazzjoni tal-Attivisti stess u fihom għandhom jiġu studjati 1-problemi li jolqtu l-ħajja u 1-ħidma tal-Moviment.

5.3.8. Il-laqgħat ta' Formazzjoni tal-Attivisti għandhom ikunu preseduti mill-President jew minn persuna delegata minnu b'approvazzjoni mill-Kumitat Nazzjonali.

5.3.9. Il-President jista' jpoġġi punti għad-diskussjoni fl-aġenda għal-laqgħat ta' Formazzjoni tal-Attivisti, b'dana illi m'hemmx obbligu li tiġi segwita xi formalità għajr kif disposta b'dan l-istatut u ż-żamma ta' verbali tal-laqgħat mhix obbligatorja.

5.3.10. Kull attività li tkun, inklużi dawk meħtieġa mill-istatut fuq kull livell, jistgħu jiġi deżinjati bħala Formazzjoni tal-Attivisti b'deċiżjoni tal-President *ex officio* jew tal-Kumitat Nazzjonali u għaldaqstant dak disposta dwar l-attendenza japplika wkoll għalihom.

5.3.11. L-Attivisti li jonqsu li jattendu għal-laqgħat ta' Formazzjoni tal-Attivisti għal darbtejn konsekuttivi jew tlitt darbiet f'sena mingħajr ġustifikazzjoni valida mogħtija lill-Kumitat Nazzjonali jiġu *ipso facto* meqjusa Membri però jkollhom kull dritt tal-vot sospiż għall-kumplament ta' dik is-sena u

għas-sena kalendarja ta' wara;

Iżda, il-Kumitat Nazzjonali, qabel il-mogħdija taż-żmien imsemmi, jista' jirreintegra lil persuna bħala Attivista jekk il-Kumitat Nazzjonali ikun unanimament konvint li dik il-persuna tkun meritevoli;

Iżda wkoll, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-Attivisti li jkunu membri eletti jew sostituti tal-Kumitat Nazzjonali.

5.3.12. L-Attivisti huma soġġetti għad-dixxiplina tal-Kumitat Nazzjonali li tista' tinkludi s-sospensjoni tad-drittijiet kollha jew it-tneħħija mill-Moviment Azzjoni Soċjali, u kull deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali tista' tkun soġġetta għal appell quddiem l-Assemblea Ġenerali li jkun imiss wara dik id-deċiżjoni;

Iżda salv kif dikjarat xort'oħra f'deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali, kwalsiasi dritt ta' appell ma jwaqqafx id-deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

**<u>MEMBRI</u>**

**5.4.1.** Jistgħu jsiru Membri tal-Moviment Azzjoni Soċjali dawk kollha li jaqblu mal-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali u ma jeskludix *a priori* li jsiru Attivisti jew ikunu qegħdin fil-proċess li jsiru Attivisti, u jkollhom l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

5.4.2. Dak miġjub fl-artikolu 5.3.1 dwar iċ-ċittadinanza u l-lingwi japplika wkoll għall-Membri.

5.4.3. Il-Membri jistgħu jattendu għal-laqgħat ta' Formazzjoni tal-Attivisti, iżda għall-kjarezza jingħad li d-dispożizzjonijiet dwar l-attendenza li japplikaw għall-Attivisti ma japplikawx għall-Membri.

5.4.4. Il-Membri huma soġġetti għad-dixxiplina tal-Kumitat Nazzjonali li tista' tinkludi s-sospensjoni tad-drittijiet kollha jew it-tneħħija mill-Moviment Azzjoni Soċjali, u kull deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali tista' tkun soġġetta għal appell quddiem l-Assemblea Ġenerali li jkun imiss wara dik id-deċiżjoni;

Iżda salv kif dikjarat xort'oħra f'deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali, kwalsiasi dritt ta' appell ma jwaqqafx id-deċiżjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

**<u>SOSTENITURI</u>**

**5.5.1.** Jistgħu jsiru Sostenituri tal-Moviment Azzjoni Soċjali dawk kollha li jaqblu mal-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali jew xort'oħra jissimpatizzaw mal-Moviment Azzjoni Soċjali jew mal-ħidma tiegħu u jixtiequ jitqiesu formalment bħala Sostenituri tiegħu.

5.5.2. Is-Sostenituri ma jkollhom ebda vot fl-istrutturi tal-Moviment Azzjoni Soċjali u ma jistgħux jattendu jew jintervjenu f'ebda wieħed mill-organi tiegħu jekk ma jkunux speċifikament mistiedna għaldaqstant.

5.5.3. Is-Sostenituri jistgħu jwasslu l-opinjonijiet jew il-proposti tagħhom f'kull żmien, però unikament lill-Kumitat Nazzjonali.

5.5.4. Is-Sostenituri, bħala tali, jgħarfu u jaċċettaw li jistgħu jirċievu talbiet ta' sostenn mingħand il-Moviment Azzjoni Soċjali, liema sostenn jista' jkun finanzjarju jew ta' kull xorta oħra.

5.5.5. Min ma jilħaqx ir-rekwiżiti tal-artikolu 5.3.1 dwar ċittadinanza u lingwa jista' xorta waħda jissieħeb fil-Moviment Azzjoni Soċjali iżda bħala Sostenitur biss.

5.5.6. Is-Sostenituri ma jkunux soġġetti għad-dixxiplina tal-Moviment Azzjoni Soċjali jew xi organu minnu, però l-Kumitat Nazzjonali b'unanimità jew l-Assemblea Ġenerali b'vot ordinarju jistgħu jiddeċiedu li Sostenitur jiġi mneħħi formalment bħala tali, u jekk dan ikun il-każ ir-raġunijiet għal tali tneħħija għandhom jiġi reġistrati bil-miktub fil-verbali tal-organu rilevanti tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

## 6. <u>DIPARTIMENTI</u>

**6.1.** Id-Dipartimenti preċedentement imwaqqfa bl-istatut tal-Moviment Azzjoni Soċjali fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-istatut kif emendat huma xolti u l-funzjonijiet tagħhom qegħdin jiġu assorbiti mill-Kumitat Nazzjonali.

**6.2.** Għall-għarfien storiku tagħhom, id-Dipartimenti li kienu jikkomponu l-Moviment Azzjoni Soċjali kienu, sa qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-disposizzjoni statutarja: (i) Dipartiment tal-Finanzi; (ii) Dipartiment tal-Informazzjoni; (iii) Dipartiment ta' Studju Soċjali; (iv) Dipartiment ta' Attività Kulturali u Rikreattiva.

**6.3.** Ix-xoljiment msemmi fl-artikolu 6.1 m'għandux iwaqqaf it-twaqqif mill-ġdid tad-Dipartiment storiċi msemmija fl-artikolu 6.2, u l-Kumitat Nazzjonali jibqa' impenjat jara li l-Moviment Azzjoni Soċjali jikber b'mod li jerġgħu jitwaqqfu meta bżonnhom u, jew opportuni, u t-twaqqif mill-ġdid tal-istess Dipartimenti storiċi jew uħud minnhom għandu jkun soġġett għall-vot tal-Assemblea Ġenerali.

## 7. IL-KUMITAT NAZZJONALI

**7.1.1.** L-amministazzjoni, id-direzzjoni u l-pożizzjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali hija fdata lill-Kumitat Nazzjonali, salv dak kollu dispost minn dan l-istatut, u l-Kumitat Nazzjonali jaġixxi bħala l-bord tal-amministraturi tal-Moviment Azzjoni Soċjali għall-għanijiet kollha tal-liġi.

7.1.2. Il-Kumitat Nazzjonali jista' joħloq sottokumitati b'delega partikolari li tinvolvi lil dawk il-persuni identifikati mill-Kumitat Nazzjonali u liema sottokumitati joperaw skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-Kumitat Nazzjonali jista' jiddeċiedi.

7.1.3. Kull sottokumitat jibqa' jopera sakemm jiskadilu t-terminu mogħti jew sakemm il-Kumitat Nazzjonali ma jirrevokalux l-inkarigu.

7.1.4. Sottokumitat ikun immexxi minn president li jkun dak responsabbli biex jirrapporta lill-Kumitat Nazzjonali fuq l-inkarigu mogħti lis-sottokumitat u l-progress dwaru, il-membri l-oħra tas-sottokumitat ma għandhomx jikkommunikaw mal-Kumitat Nazzjonali;

Iżda, f'każ li membru ta' sottokumitat iħoss li l-president tas-sottokumitat qiegħed jonqos b'xi mod fl-inkarigu tiegħu, huwa jista' jirreferi t-tħassib tiegħu u kull evidenza rilevanti lill-President tal-Moviment u huwa dejjem jitqies li għamel dan taħt konfidenzjalità strettissima sakemm ma jkunx informa xort'oħra.

7.1.5. Il-membri kollha tas-sottokumitati għandhom ikunu msieħba tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

7.1.6. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7.2.2. japplikaw *mutatis mutandis* għall-membri tas-sottokumitati.

**7.2.1.** Il-Kumitat Nazzjonali jkun kompost minn l-Attivisti li jiġu eletti għal dawn il-karigi nazzjonali tal-Moviment Azzjoni Soċjali:-

(i) **President**, li jara li jiġu promossi l-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment, jirrappreżenta pubblikament il-Moviment u jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat Nazzjonali u tal-Assemblea Ġenerali li fihom ikun preżenti, bid-dritt ta' vot oriġinali u ieħor deċiżiv f'każ ta' parità ta' voti, u bi dritt ta' veto għal proposti li jitpoġġew għall-vot tal-Assemblea Ġenerali għall-emendament tat-taqsimiet 3, 4, 7 ta' dan l-istatut;

(ii) **Viċi President**, li jaġixxi fin-nuqqas tal-President u li dejjem għandu jeżerċita d-dritt ta' veto fiċ-ċirkostanzi mogħtija lill-President;

(iii) **Segretarju**, li jara li jippromwovi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Nazzjonali u tal-Assemblea Ġenerali, b'kollaborazzjoni u, jew konsultazzjoni mal-President, u bir-responsabbiltà taż-żamma tad-dokumenti kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali, inklużi iżda mhux biss verbali, proposti, kommunikati, dikjarazzjonijiet, voti u kull xorta ta' dokument ieħor;

(iv) **Teżorier**, li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Moviment Azzjoni Soċjali skond id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Nazzjonali, jieħu ħsieb il-kotba finanzjarji u l-obbligi finanzjarji u fiskali tal-Moviment Azzjoni Soċjali, jamministra l-Fond Azzjoni Soċjali kif delegat mill-Kumitat Nazzjonali, u dan kollu fil-limiti tad-dispożizzjonijiet finanzjarji ta' dan l-istatut u l-liġi;

(v) **Uffiċjal għall-Kommunikazzjoni**, li b'konsultazzjoni mal-President jieħu ħsieb il-kommunikazzjoni għall-Moviment Azzjoni Soċjali mal-mezzi tax-xandir, ir-riċerka u l-akkwist ta' mezzi biex il-Moviment Azzjoni Soċjali jkun jista' jwassal u jxandar il-messaġġ tiegħu, u dan kif jista' jiġi deċiż mill-Kumitat Nazzjonali;

(vi) Dawk il-persuni l-oħra li l-membri eletti tal-Kumitat Nazzjonali jiddeċiedu b'unanimità li jinkludi bħala membri tal-Kumitat Nazzjonali, iżda dawn hekk inklużi jkollhom dritt tal-vot biss jekk huma wkoll Attivisti; u

(vii) Il-persuni l-oħra li huwa hekk dispost dwarhom b'dan l-istatut.

7.2.2. Il-membri kollha tal-Kumitat Nazzjonali, għajr dawk maħtura temporanjament, jiġu *ipso facto* mneħħija mill-kariga miżmuma minnhom u mill-Kumitat Nazzjonali jekk ifallu għal tliet darbiet f'sena kalendarja jew tliet darbiet konsekuttivi għal-laqgħat tal-Kumitat Nazzjonali u dan jekk mingħajr ġustifikazzjoni valida kommunikata lis-Segretarju u aċċettata mill-Kumitat Nazzjonali.

**7.3.1.** Il-membri tal-Kumitat Nazzjonali elenkati fil-paragrafi (i) sa (v) tal-artikolu 7.2 jiġu eletti mill-Assemblea Ġenerali skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ta' dan l-istatut.

7.3.2. Filwaqt li għandu jkun evitat kull meta possibbli, l-istess persuna tista' tokkupa aktar minn kariga waħda jekk ma jkunx hemm kandidati alternattivi jew jekk xi kandidati ma jġibux maġġoranza tal-voti fl-Assemblea Ġenerali;

Iżda, inizzjalment kull persuna tista' tikkandida ruħha għal kariga waħda biss u jkun biss waqt id-diskussjoni fl-Assemblea Ġenerali li dan l-artikolu jista' jiġi invokat minn kull persuna preżenti u applikat skond dan l-istatut.

**7.4.** Il-kommunikazzjoni kollha meħtieġa tal-Kumitat Nazzjonali u s-sottokumitati tiegħu għandhom isiru bil-posta elettronika u kull persuna involuta għandha tkun responsabbli li tagħti lill-President u lis-Segretarju indirizz elettroniku korrett u funzjonali, u fin-nuqqas ma jkollix dritt tilmenta li kommunikazzjoni ma waslitilix.

**7.5.1.** Il-karigi ta' Segretarju Amministrattiv u Segretarju Finanzjarju fuq bażi permanenti meħtieġa bl-istatut fis-seħħ qabel id-dħul ta' dan, huma sospiżi sakemm l-Assemblea Ġenerali ma tivvutax biex tirriattivahom skond l-artikolu 7.5.2.

7.5.2. Il-karigi msemmija fl-artikolu 7.5.1 jistgħu jiġu okkupati minn imsieħba tal-Moviment Azzjoni Soċjali biss, iżda ma jkollhom ebda dritt ta' vot *ex officio*, salv id-drittijiet ta' vot mogħtija lilhom minn dan l-istatut bħala parti minn kategorija ta' msieħba.

7.5.3. Il-persuni li jokkupaw dawk il-karigi, jekk u meta attivati mill-Assemblea Ġenerali, ikunu *ex officio* parti mill-Kumitat Nazzjonali, iżda ma jkollhomx dritt għall-vot.

**7.6.1.** Il-Kumitat Nazzjonali jista' jinnomina u jaħtar assistenti għal kull uffiċjal imsemmi f'dan l-istatut, għajr għal Viċi President (li jiddisponi mill-assistenti tal-President meta jkun qiegħed jaġixxi fil-vesti tiegħu), iżda dawn l-assistenti ma jagħmlux parti mill-Kumitat Nazzjonali.

7.6.2. Mal-ħatra disposta fl-artikolu 7.6.1 il-Kumitat Nazzjonali għandu jagħti bil-miktub it-termini tal-istess, iżda f'kull każ jew fin-nuqqas ta' dawk it-termini ma huwa permess xejn lil hinn jew kontra dan l-istatut u d-direzzjoni tal-uffiċjal assisti, u lanqas ma

jista’ l-Kumitat Nazzjonali, l-uffiċjal assistit jew l-assistent jiżvolġu xi funzjoni li b’dan l-istatut hija espressament mogħtija lil xi uffiċjal jew entità.

7.6.3. Kull assistent innominat għandu jiddikjara bil-miktub lill-Kumitat Nazzjonali jew lill-Assemblea Ġenerali li huwa konxju ta’ dan l-istatut u partikolarment tal-artikolu 7.6.2., u dan qabel ma tingħata effett għall-ħatra tiegħu.

**7.7.1.** Il-Kumitat Nazzjonali jista' wkoll jagħmel ħatriet temporanji ta' uffiċjali biex jissostitwixxu uffiċjali eletti jew li l-ħatra tagħhom trid tkun ratifikata, u dan biss fil-każ ta’ assenza minn Malta jew impossibbiltà prattika li l-uffiċjali eletti jew maħtura jattendu għar-responsabbiltajiet tagħhom, jew f’każ li jkunu rriżenjaw jew ikunu mietu fil-perjodu ta' bejn Assemblea Ġenerali u oħra;

Iżda kull meta jiġri hekk il-Kumitat Nazzjonali għandu jqiegħed l-elezzjonijiet jew il-ħatriet relattivi fuq l-aġenda ta1-ewwel Assemblea Ġenerali li jkun imiss.

7.7.2. L-uffiċjali maħtura skond l-artikolu 7.7.1. jkollhom l-istess drittijiet u responsabbiltajiet mogħtija mill-istatut lill-uffiċjali li jkunu jissostitwixxu.

**7.8.** Il-Kumitat Nazzjonali għandu f’kull żmien jaħtar Konsulent Ekkleżjastiku, li jkun saċerdot Kattoliku, li jkun konxju mill-iskopijiet u missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u tad-duttrina soċjali Kattolika, u dan ikun membru bla vot tal-Kumitat Nazzjonali u jista’ jattendi għall-attivitajiet kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali u l-entitajiet tiegħu;

Iżda, in-nuqqas ta’ ħatra tal-Konsulent Ekkleżjastika ma hija ta’ ebda ħsara legali għall-ħidma tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

**7.9.** Il-Kumitat Nazzjonali jaħtar Konsulent Legali, li jkun Kattoliku u konxju mill-iskopijiet u missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u dan ikun membru bla vot tal-Kumitat Nazzjonali u jista’ jattendi għall-attivitajiet kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali u l-entitajiet tiegħu;

Iżda, in-nuqqas ta’ ħatra ta’ Konsulent Legali ma hija ta’ ebda ħsara legali għall-ħidma tal-Moviment Azzjonali Soċjali;

Iżda wkoll, meta jkun hemm maħtur Konsulent Legali dan għandu jkun konsultat mill-Kumitat Nazzjonali qabel kull deċiżjoni dixxiplinarja u jista' f'każ ta' appell jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-każ lill-Assembla Ġenerali b'mod liberu u indipendenti mir-rieda tal-Kumitat Nazzjonali.

## 8. L-ASSEMBLEA ĠENERALI

**8.1.** L-Assemblea Ġenerali tal-Moviment Azzjoni Soċjali tkun komposta mill-Attivisti u l-Membri kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali, li jkollhom dritt tal-vot fl-Assemblea Ġenerali.

**8.2.1.** Għandha ssir Assemblea Ġenerali tal-Moviment Azzjoni Soċjali darba fis-sena fil-festa ta' San Ġużepp, u din titqies bħala Assemblea Ġenerali ordinarja.

8.2.2. L-Assemblea Ġenerali ordinarja għandha titqies li se ssir dejjem kif dispost fl-artikolu 8.2.1. fil-ħin tat-15:30 fis-sede nazzjonali tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u dan sakemm is-Segretarju ma jiċċirkolax kommunikat lill-Attivisti u lill-Membri u jinformahom xort'oħra, għaldaqstant ebda persuna ma tista' tgħid li ma kinitx informata għax ma tirċevix avviż jew stedina speċifika jekk tonqos li tattendi fil-jum, ħin u l-post indikat.

8.2.3. Kull Attivist jew Membru li jonqos jattendi, għal kwalsiasi motiv, għal żewġ Assembleji Ġenerali ordinarji konsekuttivi jista' jiġi mitlub jagħti l-motivazzjonijiet tiegħu lill-Kumitat Nazzjonali u l-aħħari jekk ma jkunx soddisfatt li l-akkadut kien ġustifikat għandu jgħaddi biex iħassar is-sħubija tal-persuna involuta;

Iżda dak it-tħassir iseħħ biss jekk ikun hemm vot unanimu tal-Kumitat Nazzjonali, u fin-nuqqas id-drittijiet tal-vot tal-persuna involuta jiġu sospiżi għall-Assemblea Ġenerali ordinarja tas-sena ta' wara;

Iżda wkoll, jekk il-persuna involuta hekk sospiża ma tattendix għall-Assemblea Ġenerali ordinarja tas-sena ta' wara din tkun *ipso facto* mneħħija mis-sħubija.

8.2.4. L-Assemblea Ġenerali ordinarja għandha dejjem tinkludi fl-

aġenda tagħha l-qari ta' rapport amministrattiv annwali u rapport finanzjarju annwali, rispettivament preparati mis-Segretarju u mit-Teżorier, u abbozzi tar-rapporti għandhom jingħaddu lill-Kumitat Nazzjonali xahrejn qabel l-Assemblea Ġenerali ordinarja, salv aġġornament fl-Assemblea Ġenerali ordinarja fir-rigward ta' dawk ix-xahrejn, kif raġonevolment possibbli.

8.2.5. Ir-rapporti msemmija fl-artikolu 8.2.4. għandhom dejjem jinkludu referenza għall-problemi amministrattivi u finanzjarji li feġġew u kif ġew affrontati, u kif ukoll proposti biex dawk il-problemi jkollhom soluzzjoni jew jitnaqqas il-preġudizzju.

**8.3.** Għandha tissejjaħ Assemblea Ġenerali straordinarja kull meta 40% tal-Attivisti u l-Membri kollha jitolbuh bil-miktub u jinformaw lill-Kumitat Nazzjonali b'dik it-talba, jew kull meta:

(i) mingħajr preġudizzju għall-artikolu 7.7.1., il-kariga tal-President jew tas-Segretarju tispiċċa vakanti b'mod indefinit u, jekk dak il-każ, il-persuna li tokkupa temporanjament il-kariga skond l-artikolu 7.7.1. tkun ilha fil-kariga għal sitt xhur;

(ii) il-President, li ma jkunx sostitut skond l-artikolu 7.7.1., jitlob lill-Kumitat Nazzjonali li tissejjaħ Assemblea Ġenerali għal raġunijiet li għandu jispeċifika bil-miktub u jgħaddihom lill-Kumitat Nazzjonali f'laqgħa jew permezz ta' ittra elettronika mibgħuta lill-membri l-oħra tal-Kumitat Nazzjonali; jew

(iii) il-Kumitat Nazzjonali b'unanimità jiddeċiedi li għandha tissejjaħ.

**8.4.** Il-membri eletti tal-Kumitat Nazzjonali għandhom jiġu eletti għal terminu ta' erba' (4) snin f'Assemblea Ġenerali, skond kif ġej hawn taħt:

(i) Il-President għandu jiġi elett b'maġġoranza ta' (2/3) żewġ terzi. Jekk l-ebda kandidat ma jilħaq maġġoranza ta' żewġ terzi mal-ewwel votazzjoni, għandha ssir it-tieni votazzjoni li ma tkunx kontestata minn dak il-kandidat li jkun ġab l-anqas numru ta' voti fl-ewwel votazzjoni u l-President jiġi elett b'maġġoranza sempliċi;

Iżda fil-każ ta' kandidat wieħed, maġġoranza sempliċi tkun biżżejjed;

Iżda wkoll, jekk ma jkun hemm ebda kandidat l-Assemblea Ġenerali għandhom jew tikkonferma l-President in kariga jew tgħaddi biex teleġġi President kif l-Assemblea Ġenerali tista' tiddeċiedi;

Iżda wkoll, qabel l-Assemblea Ġenerali tgħaddi biex tapplika l-aħħar *proviso* qabel dan, is-sedja għandha l-ewwel tistieden lill-kandidati għal Viċi President jgħidu hux interessati jkunu eletti President u jekk iva dawn jitqiesu kandidati għal President u jsegwu l-proċedura t'hawn fuq għall-elezzjoni tagħhom.

(ii) Il-karigi l-oħra kollha fi ħdan il-Kumitat Nazzjonali jiġu eletti bl-istess proċedura għall-elezzjoni tal-President;

Iżda, f'każ li kariga titpoġġa għall-elezzjoni u ma tiġix okkupata minn persuna eletta minħabba xi nuqqas li jkun, il-funzjonijiet ta' dik il-kariga jiġu assorbiti mill-President li jista' jaħtar persuni biex jaġixxu ta' Aġenti għall-kariga rispettiva (eż. Aġent Segretarju, Aġent Teżorier eċċ.);

Iżda wkoll, għall-kjarezza, mhux possibbli li jinħatar "Aġent President" b'sistema simili.

(iv) L-Attivisti interessati f'kandidatura għal xi kariga, jew proponenti ta' Attivisti bħala kandidat għal xi kariga, għandhom jikkommunikaw l-interess jew il-proposta tagħhom lis-Segretarju in kariga għaxart (10) ijiem qabel id-data tal-Assemblea Ġenerali li fuq l-aġenda jkollha elezzjoni għal dik il-kariga, u f'dik il-kommunikazzjoni għandhom jipprovdu d-dettalji personali tal-kandidat, flimkien ma' dawk tal-proponent u s-sekondant;

Iżda l-kandidat u l-proponent jistgħu jkunu l-istess persuna, fis-sens li kandidat jista' jipproponi lili nnifsu u f'dak il-każ jitqies li esprima l-kunsens tiegħu għall-kandidatura u jeħtieġlu biss sekondant għal dik il-kandidatura;

Iżda wkoll, meta l-proponent ikun persuna differenti mill-kandidat, il-kandidat irid juri l-kunsens tiegħu għall-kandidatura u jista' jagħmel dan jew bil-miktub lis-Segretarju in kariga għaxart

(10) ijiem qabel id-data tal-Assemblea Ġenerali rilevanti, jew personalment bil-fomm u bil-presenza tiegħu f'dik l-Assemblea Ġenerali.

## 9. QUORUM

**9.1.** Il-quorum għall-Kumitat Nazzjonali jkun ta' sittin (60) fil-mija fil-bidu tal-laqgħat jew, wara ħmistax-il (15) minuta mill-ħin prefiss għall-bidu tal-laqgħa, ta' tletin (30) fil-mija jekk ikun preżenti l-President (elett, mhux sostitut) u żewġ uffiċjali oħra eletti, u fin-nuqqas dik il-laqgħa tiġi posposta għal ġurnata oħra.

9.1.2. Laqgħa posposta skond l-artikolu 9.1. tiġi posposta għall-istess jum u ħin ta' ġimgħatejn wara u dik il-laqgħa timxi validament f'kull każ bil-preżenza tal-President (elett, mhux sostitut) u membru ieħor tal-Kumitat Nazzjonali.

9.1.3. Għall-fini tal-kalkolu tal-quorum jingħaddu biss dawk il-membri tal-Kumitat Nazzjonali li għandhom dritt tal-vot fih.

9.1.4. Is-sottokumitati u attivitajiet oħra tal-Moviment Azzjoni Soċjali li fihom jittieħdu deċiżjonijiet jew isir xi xogħol (u mhux dawk biss ta' istruzzjoni, formazzjoni jew diskussjoni) ma jeħtiġux quorum;

Iżda fil-każ ta' sottokumitati, il-Kumitat Nazzjonali għandu dejjem ikun informat dwar il-laqgħat imsejjħin, dawk preżenti u l-votazzjonijiet fin-nuqqas ta' deċiżjonijiet unanimi, u meta sottokumitat ikun fid-deher li mhux jiffunzjona kif meħtieġ dan għandu jiġi xolt mill-Kumitat Nazzjonali.

**9.2.** Il-quorum għall-Assemblea Ġenerali ikun ta' erbgħin (40) fil-mija fil-bidu tal-laqgħa u tletin (30) fil-mija wara għoxrin (20) minuta mill-bidu tagħha, u wara nofsiegħa il-quorum għall-Assemblea Ġenerali jitqies milħuq jekk ikun hemm quorum għall-Kumitat Nazzjonali.

**9.3.** Ebda Assemblea Ġenerali ma tista' tiddelibera u, jew titqies valida fin-nuqqas ta' quorum skond din it-taqsima.

## 10. DOKUMENTI

**10.1.** Id-dokumenti kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandhom jingħaddu lis-Segretarju u jinżammu taħt il-kontroll tiegħu u dan fis-sede nazzjonali jekk dokumenti fiżiċi, u s-Segretarju għandu jara li dawn jinżammu f'ordni u taħt sigurtà raġonevoli;

Iżda għal dawn l-għanijiet, is-Segretarju għandu jinforma lill-Kumitat Nazzjonali u jekk bżonn lill-Assemblea Ġenerali dwar il-mezzi (inklużi elettroniċi) użati u, jew meħtieġa u l-ispejjeż meħtieġa jew opportuni biex dan iseħħ, b'dana illi kull spiża għal dawn l-għanijiet teħtieġ biss l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

**10.2.** Il-President għandu dejjem id-dritt li jara u jagħmel kopji tad-dokumenti kollha tal-Moviment Azzjoni Soċjali u għal dan il-għan għandu jikkoordina mas-Segretarju u, jew kull persuna oħra li jkollha l-pussess tad-dokumenti tal-Moviment;

Iżda, għar-rigward tad-dokumenti, il-Viċi President għandu f'kull mument l-istess drittijiet tal-President, anke meta l-President ikun qiegħed jaqdi d-doveri tiegħu.

**10.3.** Id-dokumenti tal-Moviment Azzjoni Soċjali jinkludu kull ħaġa li għandha informazzjoni rilevanti għall-Moviment Azzjoni Soċjali, jew miżmuma f'xi fond amministrat jew ta' proprjetà tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u dan kemm f'verzjoni oriġinali jew kopja, karteċea jew elettronika, u kif ukoll humiex dokumenti finali jew abbozzi.

**10.4.** Il-Kumitat Nazzjonali għandu dejjem id-dritt jitlob, jara u jagħmel kopji tad-dokumenti tal-Moviment Azzjoni Soċjali u għal dan il-għan meta jagħmel talba għaldaqstant is-Segretarju għandu jara li jissoddisfa dik it-talba f'laqgħa tal-Kumitat Nazzjonali.

## 11. <u>FINANZI</u>

**11.1.** Il-finanzi tal-Moviment Azzjoni Soċjali jiġu ġestiti mit-Teżorier taħt id-direzzjoni tal-Kumitat Nazzjonali u skond id-dispożizzjoniet ta' dan l-istatut.

**11.2.** Kull ħruġ ta' flejjes tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandu jiġi ġestit mit-Teżorier u jiġi approvat kif ġej:

(i) sal-ammont ta' €100, minn wieħed fost il-President, is-Segretarju jew l-Uffiċjal għal Komunikazzjoni, għal spejjeż rigwardanti xiri ta' materjal għall-uffiċċju jew forrnituri ta'

servizzi jew prodotti elettroniċi jew teknoloġiċi li jgħinu l-amministrazzjoni jew ix-xandir tal-Moviment Azzjoni Soċjali;

(ii) sal-ammont ta' €500, minn wieħed fost il-President, is-Segretarju jew l-Uffiċjal għal Komunikazzjoni iżda biss għal spejjeż meħtieġa għall-eżerċizzju tar-rwoli tagħhom;

(iii) sal-ammont ta' €2,000 jekk approvati mill-President u l-Uffiċjal għal Kommunikazzjoni, meta dawn huma meħtieġa għal xi ħaġa relatata mar-rwol tal-Uffiċjal għal Kommunikazzjoni;

(iv) sal-ammont ta' €5,000 jekk approvati mill-President u s-Segretarju;

(v) sal-ammont ta' €10,000 jekk approvati minn maġġoranza tal-Kumitat Nazzjonali, mingħajr l-oppożizzjoni tal-President;

(vi) sal-ammont ta' €20,000 jekk approvati minn maġġoranza assoluta tal-Kumitat Nazzjonali, mingħajr l-oppożizzjoni tal-President jew tas-Segretarju;

(vii) għal kull ammont ieħor jew meta hemm l-oppożizzjoni tal-President, b'approvazzjoni b'maġġoranza assoluta tal-Kumitat Nazzjonali u b'maġġoranza fl-Assemblea Ġenerali.

**11.3.** It-Teżorier, salv bħala membru tal-Kumitat Nazzjonali u meta jaġixxi bil-vot fi ħdan l-istess, ma japprovax hu l-ħruġ ta' flus dispost fl-artikolu 11.2 iżda jġestixxi l-proċessi finanzjarji rilevanti biex jiġu eżegwiti l-approvazzjonijiet mgħoddija;

Iżda, fil-każijiet miġjuba fl-artikoli 11.2 (i) sa (iv), it-Teżorier għandu jinforma lil kull uffiċjal li jkun se japprova xi nfiq jew lill-Kumitat Nazzjonali jekk l-approvazzjoni tmiss lilu jew jekk m'hemmx dewmien li jista' jippreġudika, li dik l-approvazzjoni tista' tkun finanzjarjament preġudizzjevoli għall-interessi finanzjarji tal-Moviment Azzjoni Soċjali u huwa għandu jagħti d-dettalji dwar dan;

Iżda, jekk min imissu jagħmel dik l-approvazzjoni, wara li jkun sema' lit-Teżorier jidhirlu raġonevolment li dik l-approvazzjoni għandha tingħata, huwa għandu jagħtiha u t-Teżorier għandu jeżegwixxi l-istess approvazzjoni.

**11.4.** Kull approvazzjoni għal infiq finanzjarju li ma tinvolvix lill-Kumitat

Nazzjonali għandha xorta waħda tiġi rapportata lill-Kumitat Nazzjonali u dan għandu jsir mit-Teżorier fl-ewwel laqgħa li tkun tmiss tal-Kumitat Nazzjonali.

**11.5.** Fil-mument li f'sena finanzjarja waħda l-approvazzjonijiet għal infiq kollha jaqbżu l-€10,000, it-Teżorier għandu jwaqqaf kull eżekuzzjoni ta' dik l-approvazzjoni, jinforma minnufih kemm lill-uffiċjal li jkun approva l-infiq li jinzerta eċċeda dak l-ammont u kemm lill-Kumitat Nazzjonali u minn dak il-mument l'hemm l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali dejjem tkun meħtieġa għal kull infiq li jkun;

Iżda, f'tali ċirkostanzi u wara li jkun ikkunsidra s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-Moviment Azzjoni Soċjali u inkluż il-parir tat-Teżorier, il-Kumitat Nazzjonali jista' jirriserva fondi speċifiċi identifikabbli li jistgħu jintefqu għal għanijiet partikolari u f'dak il-każ il-proċeduri għall-approvazzjoni f'dan l-istatut jerġgħu japplikaw iżda biss għal dawk il-fondi speċifiċi identifikabbli.

**11.6.** Is-sena finanzjarja tal-Moviment Azzjoni Soċjali tibda fid-19 ta' Marzu ta' kull sena u tispiċċa fit-18 ta' Marzu ta' kull sena.

**11.7.** Mingħajr preġudizzju għall-approvazzjoni nfisha skond dan l-istatut, kull żbank ta' flejjes mill-kontijiet bankarji jeħtieġu l-firma tat-Teżorier u ta' wieħed fost il-President jew is-Segretarju;

Iżda, jista' jseħħ żbank ta' flejjes b'approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali biex dan jinżamm b'riserva jew jiġu mgħoddija lil uffiċjal li jkun responsabbli biex iwettaq in-nefqa approvata.

**11.8.** Meta l-flejjes disponibbli għall-Moviment Azzjoni Soċjali jeċċedu t-€80,000, għandu jinħoloq Fond Azzjoni Soċjali li jirċievi kontribut ta' €1,000 fl-aħħar ta' kull xahar minn dak l-eċċess, sakemm l-ammont ta' flejjes disponibbli jerġgħu jkunu ta' €80,000;

Iżda, il-Kumitat Nazzjonali jista' jwaqqaf dawk il-kontributi jekk jidhirlu u jiġi dikjarat li l-Moviment Azzjoni Soċjali jeħtieġhom għall-bżonnijiet, l-attivitajiet u l-avvanz tiegħu.

**11.9.** Il-Fond Azzjoni Soċjali għandu jservi biex tingħata għajnuna lil familji Maltin u Għawdxin li jinsabu fil-bżonn, jew lil organizzazzjonijiet volontarji oħra ta' ispirazzjoni Kattolika u li mhux b'xi prattika tagħhom kontra d-duttrina soċjali Kattolika, ir-reliġjon Kattolika jew kontra l-interess tal-Maltin u l-Għawdxin.

**11.10.** Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 11.9, l-għajnuniet mill-Fond Azzjoni Soċjali jiġu mħallsa direttament mit-Teżorier sal-ammont ta' €13,000 fis-sena kalendarja, b'dana illi t-Teżorier għandu dejjem jirrapporta dwar kull għajnuna mogħtija lill-Kumitat Nazzjonali fl-ewwel laqgħa li tkun tmiss jew qabel bl-użu tal-posta elettronika;

Iżda l-ammont massimu tal-għajnuna mogħtija mill-Fond Azzjoni Soċjali skond dan l-artikolu għandha tkun ta' €1,000 fix-xahar;

Iżda wkoll kull għajnuna oħra eċċedenti l-ammonti mogħtija fiż-żminijiet għandha tingħata biss jekk qabel tingħata l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

**11.11.** Kull għajnuna mogħtija għandha tkun reġistrata, fis-sens li d-dettalji tal-megħjuna għandhom ikunu magħrufa lill-Kumitat Nazzjonali u dan huwa fir-responsabbiltà tat-Teżorier.

**11.12.1.** Il-Fond Azzjoni Soċjali għandu jiġi mifhum meta jitqies li l-Moviment Azzjoni Soċjali mhux organizzazzjoni filantropika iżda jabbraċċa l-ħsieb li s-sens tal-karità Kattolika jmur ferm oltre l-għotja diretta ta' flus.

11.12.2.Il-Moviment Azzjoni Soċjali mhux qiegħed hemm biex jagħti l-elemożina iżda biex jifforma persuni li jkunu jistgħu jwettqu azzjoni soċjali, fil-Moviment Azzjoni Soċjali u fil-pajjiż in ġenerali.

11.12.3. L-azzjoni soċjali msemmija fl-artikolu 11.12.2 tista' tkun ta' sura diversa, inkluża l-formazzjoni fil-ħsieb u l-kultura, u l-attiviżmu soċjali f'sens wiesa'. Dik l-azzjoni soċjali dejjem għandha twassal biex jitkattar ambjent li fih il-poplu Malti jitkattar f'qagħda soċjali dinjituża u ta' ġid fir-rispett tat-tradizzjoni Kattolika, tar-reliġjon u tal-identità Kattolika tal-poplu Malti.

11.12.4. Il-Fond Azzjoni Soċjali huwa sekondarju għal dawn l-għanijiet u għall-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u fejn l-aħħarin jeħtieġu aktar finanzjament, il-Fond Azzjoni Soċjali għandu jiġi prelevat u jekk bżonn il-finanzjamenti lejh sospiżi, u biex dan iseħħ meħtieġa biss l-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali.

## 12. <u>RAPPREŻENTANZA</u>

**12.1.** Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Moviment Azzjoni Soċjali hija vestita fil-President u s-Segretarju flimkien jew f'dawk il-persuni l-oħra li l-Kumitat Nazzjonali jista' jinnomina fl-assenza jew l-impossibilità temporanja tagħhom;

Iżda, ir-rappreżentanza tal-Moviment Azzjoni Soċjali għandha dejjem tkun eżerċitata konġuntament minn żewġ persuni, li huma l-President u s-Segretarju, jew il-persuni oħra nominati mill-Kumitat Nazzjonali flokhom, jew mill-uffiċjal preżenti u attiv u s-sostitut nominat tal-ieħor.

## 13. <u>XOLJIMENT</u>

**13.1.** Il-Moviment Azzjoni Soċjali jista' jiġi xolt jekk almenu 75% tal-attivisti kollha u maġġoranza assoluta tal-membri tal-Kumitat Nazzjonali japprovaw il-bidu tal-proċess ta' xoljiment. Dan huwa xoljiment volontarju, lil hinn minn sitwazzjoni fejn l-istess ikun impost skond il-liġi;

Iżda, ix-xoljiment m'għandu jitqies qatt bħala rieda libera miċ-ċirkostanzi, imma bħala realtà meħtieġa miċ-ċirkostanza li ma tkunx evitabbli, u l-imsieħba kollha huma msejjħin jevitaw ix-xoljiment kull kif raġonevolment possibbli sakemm il-Moviment Azzjoni Soċjali jista' jibqa' ħaj, leali u fidil lejn l-iskopijiet u l-missjoni tiegħu.

**13.2.** Il-votazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 13.1. għandhom iseħħu f'Assemblea Ġenerali straordinarja msejjħa speċifikament u esklussivament biex tapprova x-xoljiment u l-bidu tal-proċess biex dan iseħħ.

**13.3.** Ladarba jiġi mibdi l-proċess ta' xoljiment, l-Assemblea Ġenerali straordinarja għandha taħtar, b'maġġoranza tal-attivisti u b'maġġoranza tal-Kumitat Nazzjonali, dik il-persuna li għandha tikkoordina u twassal fi tmiemu l-proċess ta' xoljiment, li f'dan l-istatut se tissejjaħ "l-Uffiċjal għax-Xoljiment" u minn dik il-ħatra jibda dak li jissejjaħ "il-proċess ta' xoljiment".

**13.4.** Waqt il-proċess ta' xoljiment, l-Uffiċjal għax-Xoljiment għandu jkun faċilitat biex iwassal għax-xoljiment, u għal dak il-għan it-Teżorier għandu javanza dawk il-fondi neċessarji biex il-proċess ta' xoljiment jitwettaq skond l-istruzzjonijiet tal-Uffiċjal għax-Xoljiment.

**13.5.** Il-proċess ta' xoljiment ma għandux idum anqas minn tnax-il xahar, u kull tmiem tax-xahar l-Uffiċjal għax-Xoljiment għandu jibgħat rapport lill-attivisti kollha u lill-Kumitat Nazzjonali.

**13.6.1.** B'"xoljiment" f'dan l-istatut nifhmu li l-Moviment Azzjoni Soċjali ma jibqax jeżisti, u jinkludi kull dereġistrazzjoni u stralċar skond il-liġi, bil-proċess ta' xoljiment ikollu f'kull żmien jikkonforma mar-rekwiżiti legali biex kollox isir korrettament skond il-liġi, u għal dak il-għan ikun responsabbli l-Uffiċjal għax-Xoljiment kif possibbli skond il-liġi.

13.6.2. Kwalsiasi attiv li jkun hemm, lil hinn mill-ħlas ta' kull debitu li jkun hemm, għandu jiġi mgħoddi lill-organizzazzjonijiet Maltin li jippromwovi l-azzjoni soċjali b'ispirazzjoni Kattolika, jew organizzazzjonijiet li b'xi mod jew ieħor javvanzaw il-Kattoliċeżimu f'Malta, u dan skond ma jista' jindika l-Kumitat Nazzjonali lill-Uffiċjal għax-Xoljiment;

Iżda, kwalsiasi għoti ta' attiv jew likwidazzjoni tal-istess favur xi ħadd ma għandix isseħħ qabel jgħaddu ħdax-il-xahar mill-bidu tal-proċess ta' xoljiment, u dan sabiex il-Moviment Azzjoni Soċjali ma jiġix preġudikat jekk japplika l-artikolu 13.8.1.

**13.7.** Mill-ħatra tal-Uffiċjal għax-Xoljiment, il-Kumitat Nazzjonali jibqa' in kariga però jkollu l-poteri tiegħu sospiżi, salv għat-Teżorier li jirrispondi lill-Uffiċjal għax-Xoljiment, u l-Uffiċjal għax-Xoljiment ikun responsabbli biex jawtorizza l-eżerċizzju ta' xi poteri partikolari skond dan l-istatut.

**13.8.1. Hija volontà ċara, netta u determinata, li l-Moviment Azzjoni Soċjali ma jiġi qatt xolt sakemm il-poplu Malti u Għawdxi jibqa' jgħix bħala tali**, u għalhekk il-proċess ta' xoljiment jista' jitwaqqaf f'kull mument waqt li jkun għaddej permezz ta' petizzjoni li tinkludi almenu 20% tal-attivisti iskritti u attivi, jew ta' 30% tal-imsieħba li kienu f'xi waqt li jkun validament iskritti għal perijodu ta' ħames (5) snin qabel il-bidu tal-proċess ta' xoljiment, u b'dawk il-voti jinbeda dak li jissejjaħ "proċess ta' riattivament".

13.8.2. F'każ li japplika l-artikolu 13.8.1, il-Kumitat Nazzjonali għandu jiġi reintegrat fil-poteri kollha tiegħu, u l-Uffiċjal għax-Xoljiment jingħaqqad temporanjament mal-Kumitat Nazzjonali mingħajr dritt tal-vot, u dan kollu sabiex il-Moviment Azzjoni Soċjali jerġa' jitpoġġa fit-triq tal-azzjoni mill-aktar fis;

Iżda, għal dak il-għan, l-Uffiċjal għax-Xoljiment għandu jikkollabora bi sħiħ mal-Kumitat Nazzjonali, u jekk dan jonqos il-vesti tiegħu jiġu meħuda mill-President;

Iżda, b'nuqqas hawnhekk infissru li jew ma tibqax persuna li tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal għax-Xoljiment, jew dik il-persuna ma tkunx tista' f'xi mument taqdi d-doveri tagħha, jew il-Kumitat Nazzjonali jkun ivvota b'maġġoranza li l-President għandu jieħu l-vesti tagħha.

**13.8.3.** Jekk ikun il-każ li mal-applikazzjoni tal-artikolu 13.8.2., ikun hemm xi vakanza fil-Kumitat Nazzjonali jew ir-reintegrazzjoni tiegħu ma tkunx tista' sseħħ, għandu jiġi elett Kumitat Nazzjonali minn fost dawk li ffirmaw il-petizzjoni għat-twaqqif tal-proċess ta' xoljiment;

Iżda, dejjem bil-għan suprem li l-Moviment Azzjoni Soċjali ma jiġix xolt, dak il-Kumitat Nazzjonali jista' jiġi kompost biss minn President u Segretarju li jistgħu jassumu kull rwol ieħor diversament meħtieġ minn dan l-istatut, u għal kull bżonn skond dan l-istatut kull poter mogħti ikun mgħoddi lill-President li jista' jiddelegah lis-Segretarju meta s-Segretarju mhux diġà jkollu dak il-poter skond l-istatut;

Iżda wkoll, il-President u s-Segretarju li jaġixxu skond dan l-artikolu jistgħu jissekkondaw persuni oħra fil-Kumitat Nazzjonali reintegrat skond dan l-artikolu jekk dan jgħin għall-ħidma tagħhom biex il-Moviment Azzjoni Soċjali jibqa' ħaj u attiv.

**13.8.4.** Waqt il-proċess ta' xoljiment u l-proċess ta' riattivament tal-Moviment Azzjoni Soċjali, dan l-istatut ma jistax jiġi emendat, b'ebda mod.

**13.8.5.** Il-proċess ta' riattivament jiġi fi tmiemu b'vot f'Assemblea Ġenerali skond dan l-istatut li jiddikjara terminati l-proċessi ta' xoljiment u ta' riattivament;

Iżda, mingħajr preġudizzju għall-artikolu 7.3.2., dan għandu jiġi konfermat biss jekk l-Assemblea Ġenerali teleġġi l-karigi kollha li għandhom jiġu eletti u tkun tista' tmexxi x-xogħol tagħha b'mod normali skond dan l-istatut, u f'dak il-każ il-Moviment Azzjoni Soċjali jista' jopera normalment skond dan l-istatut u d-dispożizzjoni tal-artikolu 13.8.4. ma tibqax applikabbli.

## 14. DRITT APPLIKABBLI

**14.1.** Id-dritt u l-liġi applikabbli għal dan l-istatut ikunu dawk Maltin u l-ġurisdizzjoni esklussiva tkun tal-Qrati Maltin, skond il-liġi.

## 15. SEPARABILITÀ

**15.1.** Jekk xi dispożizzjoni f'dan l-istatut tinstab li hija illegali jew tirriżulta inapplikabbli, id-dispożizzjonijiet kollha l-oħra ta' dan l-istatut jibqgħu fis-seħħ u impreġudikati.

**15.2.** F'każ ta' sejbien li xi dispożizzjoni ta' dan l-istatut hija illegali jew inapplikabbli, il-Kumitat Nazzjonali għandu jaħdem sabiex jirrettifika s-sitwazzjoni u dan l-istatut b'mod li ma jippreġudikax l-iskopijiet u l-missjoni tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

**15.3.** Jekk il-Kumitat Nazzjonali jemmen li tkun neċessarja jew opportuna emenda għall-istatut minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 15.1. u 15.2., huwa għandu jara li tiġi segwita l-proċedura għall-emendament ta' dan l-istatut skond t-taqsima 16.

## 16. EMENDI

**16.1.** L-emendi għal dan l-istatut jistgħu jiġu proposti:

(a) mill-President;
(b) mill-Kumitat Nazzjonali; jew
(ċ) minn minimu ta' mitt (100) attivist.

**16.2.** Il-proposta isimha magħha, u tkun proposta għall-konsiderazzjoni tal-Assemblea Ġenerali, li għandha tapprova l-emendi b'dan il-mod:

(a) b'vot unanimu tal-Assemblea Ġenerali biex jiġu emendati taqsimiet 1 (ISEM), 3 (KARATTERISTIĊI ĠENERALI), 4 (SKOPIJIET U MISSJONI TAL-MOVIMENT), 11 (FINANZI), 13 (XOLJIMENT) u 16 (EMENDI);

(b) b'maġġoranza ta' żewġ terzi biex jiġu emendati t-taqsimiet 5 (SĦUBIJA FIL-MOVIMENT), 7 (IL-KUMITAT NAZZJONALI), 8 (L-ASSEMBLEA ĠENERALI), 9 (QUORUM) u 10 (DOKUMENTI);

(ċ) b'maġġoranza sempliċi għat-taqsimiet l-oħra kollha.

Iżda, taħt it-taqsima 1 (ISEM), il-Kumitat Nazzjonali jista', bil-proċedura ordinarja tiegħu, jinkludi dispożizzjoni dwar l-arma tal-Moviment Azzjoni Soċjali, li għandha tkun dik storika, mingħajr preġudizzju għal diżinni sekondarji li jista' japprova l-Kumitat Nazzjonali;

Iżda wkoll, f'każ li dak miġjub qabel dwar l-arma u, jew diżinni sekondarji jseħħ, l-isem tat-taqsima 1 għandu *ipso facto* jinbidel għal "ISEM U ARMA".

**16.3.** Il-ħolqien ta' taqsimiet ġodda f'dan l-istatut għandu jkun soġġett għal maġġoranza ta' żewġ terzi.

**16.4.** Dak kollu dispost f'din it-taqsima 16 huwa mingħajr preġudizzju u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 7.2.1.(i) u 7.2.1.(ii) u għal kull dispożizzjoni oħra f'dan l-istatut li tiddisponi dwar l-emendament tal-istess.

**16.5.** Il-Kumitat Nazzjonali jista' jagħmel kull korrezzjoni lingwistika, ortografika u, jew kull xorta oħra ta' korrezzjoni fil-kliem ta' dan l-istatut bil-proċedura ordinarja għat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu;

Iżda, kull tibdila skond dan l-artikolu 16.5 ma għandix tkun waħda li tbiddel id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet, u jekk dak ikun il-każ din għandha titqies bħala emenda u dan l-artikolu ma japplikax;

Iżda wkoll, kull tibdila skond dan l-artikolu 16.5 għandha tiġi reġistrata mill-Kumitat Nazzjonali u kommunikata lill-Assemblea Ġenerali sa mhux aktar tard mill-ewwel Assemblea Ġenerali ordinarja li jkun imiss wara dik it-tibdila.

## 17. <u>DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI</u>

**17.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, u kull emenda għalihom, jidħlu fis-seħħ mid-data tal-approvazzjoni tagħhom mill-Assemblea Ġenerali skond l-istatut viġenti meta l-Assemblea Ġenerali tagħti dik l-approvazzjoni, jew minn kull data oħra kif jista' jkun meħtieġ skond il-liġi applikabbli.